MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru. 11/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Grace Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Grace Muscat,** ta' disgha u erbghin (49) sena, bint Victor Cremona u Angela neé Grima, imwielda Gharb, nhar il-24 ta' Ottubru, 1960, residenti fil-fond numru 31, Triq l-Isqof Mikiel Molina, Gharb, u/jew Graceland, Triq it-Trux, Gharb, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 59860(G), akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Awissu 2010, go l-Gharb:

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil Godfrey Smith, Roderick Psaila, Josianne Vella, David Farrugia, Janet Markham u Malcolm Manduca b'reat filwaqt li kienet taf illi dawn il-persuni huma innocenti *ai termini* tal-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ddenunzjat lill-Pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx *ai termini* tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9;

3. fl-istess post, data u cirkostanzi mmalafamat lill-istess Godfrey Smith, Roderick Psaila, Josianne Vella, David Farrugia, Janet Markham u Malcolm Manduca bil-kliem;

4. fl-istess data, hin u lok u anki fil-jiem ta' qabel kienet ta fastidju fil-konfront ta' Anglo[1] Cauchi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 110) datata 25 ta' Marzu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 251A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 125 *et seq.*), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Marzu 2013 u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

[1] Dan huwa l-mod kif inhu miktub l-isem tal-parti leza Cauchi fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Rat dak li gie vveralizat fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parti leza u lid-difiza zmien sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijietipprezentata mill-parti leza Angelo Cauchi (*a fol.* 147 *et seq.*)

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ipprezentata mill-imputata (*a fol.* 149 *et seq.*)

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2015 (*a fol.* 156), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed **Angelo Cauchi** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa ghamel kwerela peress li jikri l-*farmhouses* bil-permess u li kull darba li jmur xi hadd, l-imputata tilqaghhom hi minfloku u ggiblu l-Pulizija. Jghid li din il-haga ilha ghaddejja. Mistoqsi jghid xi jrid jghid biha meta jghid tmur tilqaghhom l-imputata, jghid: *"Tmur thabbtilhom il-bieb u tghidilhom biex ma jghajjtux u tahwid bhal dan hux"* (*a fol.* 18).

**Angelo Cauchi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn spjega li ghandu aktar minn *farmhouse* wahda fl-Gharb. Jghid li l-*farmhouse* mertu tal-kawza odjerna hija dik li tinsab f'1A, Bishop Molina Street u li hija kantuniera u li maghha jmiss post iehor 55, Trux Street u fuq naha ohra hemm binja gdida li tinsab f'kantuniera. Jghid l-*farmhouse* li tinsab 55, Trux Street hija tieghu wkoll u li fl-20 ta' Awwissu din il-*farmhouse* ma kienet mikrija lil hadd.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed **Godfrey Smith** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn spjega li fl-20 ta' Awwissu 2010 kien go *farmhouse* ta' certu Angelo. Jghid li mieghu kien hemm it-tfajla tieghu Josianne u erba' minn nies ohra. Jispjega li kienu gew ghal btala ta' erbat (4) ijiem. Jghid li dakinhar tal-akkadut mar Pulizija ghal nofs il-lejl u qalilhom li kienu qeghdin jaghmlu storbju. Jghid li kull ma kienu qeghdin jaghmlu kien li kienu qeghdin jitkellmu bil-qieghda fejn il-*pool*. Jghid: *"Il-Pulizija kull ma qalli qal li kellu rapport li qed naghmlu l-istorbju. Fil-fatt gie jhabbat il-bieb ghax lanqas sema' xejn hu"* (*a fol.* 48). Jichad li kienu qed jghajjtu. Jghid li kellem lil Angelo Cauchi peress li kien iddejjaq li anqas setghu joqghodu mal-*pool* jitkellmu. Jghid li Cauchi qallu li persuna li toqghod fejn il-*farmhouse* taghmillu hekk kull darba u tgerrixlu n-nies.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 134 *et seq.*), ikkonferma li kienet saret kwerela ghan-nom tieghu peress li skond hu l-imputata ghamlet rapport li ma kienx veru. Jghid li wasal ghall-konkluzjoni li kienet l-imputata li ghamlet ir-rapport ghax kien gharrfu bih sid il-*farmhouse*. Jghid li jista' jkun li lill-Pulizija staqsieh min kien ghamel ir-rapport pero ma jidhirlux li l-Pulizija qallu min kien ghamel ir-rapport. Jghid li ma kien hemm l-ebda festini. Ma jidhirlux li wahda li kienet fil-grupp kellha l-*birthday* u ghamlulha kejk. Wara jghid li dan jista' jkun pero ma jiftakarx. Jghid li kienu qeghdin jilaghbu l-karti hdejn il-*pool*. Jixhed li fil-*farmhouse* in kwistjoni mar darbtejn. Jghid li l-ewwel darba mar meta kien hemm ir-rapporti mertu ta' din il-kawza u rega' mar xi sena jew sentejn wara. Ikkonferma li hemm hafna djar fl-akwati fejn hemm il-*farmhouse.* Ikkonferma wkoll li kellhom radju li kien jinsab fil-kcina. Jghid li, jekk jiftakar sew, il-Pulizija mar darbtejn. Ikkonferma li l-*farmhouse* tinsab f'kantuniera u li kienu prattikament fit-triq minhabba f'dan. Jghid li l-*pool area* ghandha bieb ghat-triq.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Josianne Vella** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn qalet li fl-20 ta' Awwissu 2010 kienet Ghawdex ghall-erbat (4) ijiem flimkien mal-*boyfriend* taghha Godfrey Smith u xi hbieb ohra taghhom. Tghid li kienu go *farmhouse* gewwa l-Gharb u li dakinhar tal-akkadut filghaxija kienu qed jitkellmu fejn il-*pool* jiccajtaw u f'hin minnhom habbat il-bieb u kien hemm Pulizija li qalilhom li kellu rapport li kienu qed jaghmlu xi storbju.

Tghid: *"Ahna fil-fatt ma konna, la konna diski mixghulin, jigifieri xejn. Konna qed nitkellmu normali"* (*a fol.* 50). Ikkonfermat li semghu lill-Pulizija jhabbat il-bieb u li fethulu.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2012, xehdet **Janet Markham** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qalet li ghall-habta tat-18 t'Awwissu 2010 kienet giet Ghawdex ghall-erbat (4) ijiem go *farmhouse* fl-Gharb ghall-btala flimkien ma' xi hbieb taghha. Insiet ghand min krew il-*farmhouse*. Tghid: *"Dak kien hemm pool insomma u ahna kollha, m'ahniex zghar jigifieri, konna kollha madwar il-pool, jew nilaghbu karti jew xi haga, la kien hemm diski, la kien hemm xejn – diski, xeghelna radio jigifieri mhux ma xghelniex, imma vera baxx u ghall-hinijiet fejn qghadna attenti li kmieni filghodu u hekk ma naghmlux storbju, imma li bdejna naghmlu jigifieri konna kollha flimkien, nieklu hafna […]"* (*a fol.* 60). Tghid li jista' jaghti l-kaz li dahqu xi naqra pero tghid li ma kienux grupp storbjuzi. Tispjega li f'hin minnhom waqt li kienu qed jaghmlu l-laham semghu l-bieb ihabbat u meta fethu l-bieb kien hemm Pulizija li qalilhom: *"ghax qeghdin taghmlu storbju"* (*a fol.* 61). Tghid li l-ghada rega' mar ghall-istess raguni. Tghid li huma mhumiex zghar u li ma kienux qed jaghmlu l-ebda storbju.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li kienu madwar hames-sitt persuni u li tfal ma kienx hemm. Tghid li kien il-*birthday* taghha u li minkejja li xtaqet li jaghmluha *birthday party* pero ghamlulha kejk biss u kemm qasmuh. Tghid li filwaqt li l-ewwel darba meta mar il-Pulizija kienu qeghdin isajru l-laham fuq il-*barbeque*, l-ghada kienu qeghdin jilghabu l-karti hdejn il-*pool.*

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **David Farrugia** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjega li gie Ghawdex f'Awwissu ta' sentejn qabel flimkien ma' xi seba' jew tmien minn nies u li mar il-Pulizija darbtejn fejn kienu qeghdin joqghodu peress li qalilhom li kienu qeghdin jaghmlu storbju, li skond hu ma kienux qeghdin jaghmlu. Jghid li fil-hin li gie allegat li kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju, huma kienu qeghdin fejn il-*pool* u kienu qeghdin jitkellmu u forsi jidqu. Jghid li ma kienux qeghdin jaghmlu storbju li huwa jiddeskrivi bhala *"ta' holiday"* (*a fol.* 65). Jghid li kienu koppji. Mistoqsi jghid jekk meta habbat il-Pulizija semghuhx mal-ewwel, wiegeb: *"Ma nafx nghidlek jekk smajniehx mill-ewwel ghas-semplici raguni jew niftakar sew il-pool kien fuq in-naha ta' wara tal-post, ma*

*kienx fuq in-naha ta' quddiem. Jigifieri nghidlek jiena anke jekk kieku kien filghodu, fil-kwiet, ma tisimghu imma kien hemm bieb li tista' tidhol minnu qisu sqaq ghal fejn il-pool; kif habbat ma' dak il-bieb ahna ndunajna mill-ewwel"* (*a fol.* 65).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, xehed **Malcolm Manduca** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjega li ghandu 38 sena u li xoghlu huwa dak ta' *cost controller* go lukanda. Jghid li f'Awwissu 2010 kien gie Ghawdex ghall-btala ghall-erbat (4) ijiem flimkien ma' xi persuni ohra u li kienu qaghdu go *farmhouse* ta' Anglu kunjomu ma jafux. Jghid li kienu qeghdin jitkellmu mal-*pool* u li kienu madwar il-mejda jieklu u jitkellmu u li ghal xi 10.00pm-11.00pm mar Pulizija jhabbat u qalilhom li kellu rapport minn ghand xi girien u li biex kemm jista' jkun ma jaghmlux storbju. Jghid li huma ma kienux qed jaghmlu storbju u li kienu semplicement jitkellmu. Jghid li ma bdewx jghajjtu. Mistoqsi fuq xi muzika, jghid li l-gurnata ta' qabel kien mar Pulizija wkoll ghax kellhom xi muzika li kienet gewwa u mhux barra u qalilhom biex ibaxxuha. Jghid li l-muzika kienet gejja minn *stereo* li tellghuh maghhom. Jghid li l-i*stereo* kellu zewg *speakers* li ma kienux kbar u jghid li kienu madwar 30 centimetru il-wiehed kbar. Jghid li ma semghux lill-Pulizija mal-ewwel peress li kienu qeghdin barra fil-*pool*. Jghid li mbaghad rega' habbat u hargu. Jghid li l-Pulizija qalilhom biex ibaxxu l-muzika peress li xi hadd kien ghamel rapport fuq il-volum. Jghid: *"Ma kienx qed jghajjat niftakar, jigifieri, pero la qalilna hekk ahna baxxejnielu"* (*a fol.* 78). Jghid li l-ghada kienu fejn il-*pool* u anke din id-darba kellhom il-muzika.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-i*stereo* kien fuq gewwa, precizament kif tidhol fil-bieb fejn hemm qisu *open plan* kbir. Jghid li minn fejn kienu huma setghu jisimghu l-i*stereo*. Jghid li meta mar ihabbat il-Pulizija l-i*stereo* kien ghadu mixghul. Jichad li Ghawdex ghamlu xi party. Ikkonferma li wahda li kienet maghhom kellha l-*birthday*. Jghid li qasmu kejk. Ma jidhirlux li kien hemm xi kant. Ma jiftakarx jekk kantawx *"Happy Birthday"*. Jikkonferma li kienu madwar sitta jew seba' minn nies. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi tip ta' hsejjes, jghid: *"konna qed nitkellmu ahna, iva"* (*a fol.* 80). Jghid li bdew jitkellmu normali minkejja li kien hemm l-i*stereo* mixghul.

In <u>ri-ezami</u> jghid li muzika kien hemm biss fl-ewwel okkazzjoni u li din kienet gholja b'tali mod li setghu jisimghuha minn barra pero mhux li ma jistghux jitkellmu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012, xehed **eks PC 1173 Carmel Bonnici** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn qal li fl-20 ta' Awwissu 2010 kien ghadu fil-korp tal-Pulizija u li kien stazzjonat l-Gharb. Jghid li ccekkja jekk kellux xi rapport dakinhar u li ma sabx pero, wara li haseb, ftakar li kienu cemplulu mir-Rabat u qalulu li kien hemm xi storbju f'xi triq, hu kien mar u qaghad ftit hemmhekk u sema' xi ftit dahq li huwa jiddeskrivi bhala *"tat-tfal"* (*a fol.* 89). Jghid li habbat u qal lill-persuni li kien hemm biex ma jaghmlux storbju ghax kienu qed jinstemghu hafna. Jghid li kien hemm xi tfal li gew mghajta quddiemu u qalulhom biex ma jaghmlux storbju ghax kien mar il-Pulizija. Jghid li kien hemm madwar zewg familji u li kif dahal kienu qed jieklu u kien hemm xi tfal f'xi kamra ohra u ghajtulhom. Jixhed li ma jiftakarx il-post li habbat u li l-proprjeta' hija ta' Angelo Cauchi. Jghid li sema' xi dahq u li ma kienx hemm storbju.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa ra t-tfal ghax dawn gew mghajta quddiemu.

**Eks PC 1173 Carmel Bonnici** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 105 *et seq.*) fejn qal li hu ma jafx ezatt x'jisimha t-triq fejn tinsab il-*farmhouse* in kwistjoni pero jghid li jaf li tinsab f'kantuniera. Rega' xehed fuq dak li xehed fuqu meta xehed fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012. Jghid li mar kemm il-darba fl-indirizz in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed **Mario Tabone** (Principal fl-Ufficju Elettorali, Sezzjoni Ghawdex – *a fol.* 140 *et seq.*) fejn qal li fis-sena 2010 kienu gew ippublikati zewg Registri Elettorali (wiehed f'April u iehor f'Ottubru). Jixhed fuq kemm kien hemm nies Maltin u barranin registrati f'toroq u sqaqin partikolari. Ezebixxa d-dokument li xehed fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 142 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi fic-*charge sheet*[2]ipprezentata kontra l-imputata fir-Registru tal-Qorti, l-imputata giet akkuzat b'erba' imputazzjonijiet. Meta l-Avukat Generali baghat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 110) fejn huwa ndika l-Artikoli li fuqhom, skond hu, l-imputata kellha tigi ggudikata, gew indikati s-segwenti zewg artikoli: Artikoli 110(2) u 251A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jirrigwardaw it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata. L-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata fic-*charge sheet* imsemmija hawn fuq ma gewx indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom. Il-Qorti ser tghaddi issa biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Simulazzjoni tar-reat)</u>**:
Illi it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputata tinkwadra ruhha fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé is-simulazzjoni tar-reat. Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-Kodici taghna permezz ta' l-Ordinanza IX ta' l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-Artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta' l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

> *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> [...]. The simulation may be either verbal or direct or real or*

[2] *A fol.* 1.

*indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation"* [emfazi mizjuda].

Illi fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti fuq din id-disposizzjoni tal-ligi:

"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."

Illi, maghmula din l-esposizzjoni legali ta' dan ir-reat, l-elementi legali li jsawwru dana r-reat ma jirrizultawx f'dan il-kaz peress illi minn imkien ma jirrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzjat lill-Pulizija xi reat li taf li ma sehhx. Dan ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal, per ezempju, il-kaz li jsehh ta' sikwit fl-edificju tal-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma' xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-Pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq – din hija s-simulazzjoni reali u ndiretta. Illi l-ghan ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li

jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo jghid:

> *"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."*

Illi ghalhekk maghmula din l-esposizzjoni legali u mehud in konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'dawn il-proceduri ma hemmx dubbju illi dan ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecie tal-kaz in dizamina. Ma jirrizultax li l-imputata ddenunzjat lill-Pulizija reat li taf li ma sarx. Ma jirrizultax anqas li kien hemm kwiet perfett dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2010 fil-*farmhouse* in kwistjoni fl-Gharb fejn, fost l-ohrajn, il-Qorti semghet kif kien hemm grupp ta' hbieb hdejn il-*pool*, jitkellmu, jidqu u li kien hemm l-*istereo* mixghul, liema *stereo* kien jinsab fuq gewwa pero beda jinstema' minn barra. Apparti minn dan, il-Qorti semghet ukoll lil eks PC 1173 Carmel Bonnici jixhed li sema' u ra tfal li gew infurmati mill-adulti biex ma jaghmlux storbju. Ghaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Fastidju)</u>**:
Illi, b'riferenza ghar-reat ta' fastidju, il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

> "Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:
>
> "Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-

Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: • **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: *'A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: *'Persuna li ggib ruhha'*.

Skont l-Archbold: • *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'*. (**Lau v DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

> *Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*

Illi Angelo Cauchi jilmenta li kull darba li jkollu n-nies fil-*farmhouse/s* tieghu, l-imputata tibghat lill-Pulizija u: "*Tmur thabbtilhom il-bieb u tghidilhom biex ma jghajjtux u tahwid bhal dan hux*" (*a fol.* 18). Jirrizulta li Cauchi ghandu zewg *farmhouses* li jinsabu magenb xulxin. *Da parte* tieghu, Godfrey Smith jghid li Cauchi kien qallu li l-imputata taghmillu hekk kull darba li jkollu xi hadd fil-proprjeta' tieghu. Ix-xhieda l-ohra kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni jixhdu dwar dak li allegatament gara meta huma kienu ghal btala f'Ghawdex. Apparti minn dan, meta eks PC 1173 Carmel Bonnici xehed f'dawn il-proceduri huwa qal dak li sema' u ghamel dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2010. Huwa jghid li meta mar fil-fond in kwistjoni huwa sema' u ra tfal. Ix-xhieda l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri u li kienu jinsabu fil-*farmhouse* ta' Cauchi dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2010 ma jsemmu l-ebda tfal.

Illi mill-atti processwali minn imkien ma jirrizulta dak li Cauchi jilmenta bih fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata u, apparti minn dan, ma gie pruvat **bl-ebda mod** il-*course of conduct* rikjest sabiex tista' tinsab htija tal-imputata fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija. Dan il-*course of conduct* ma jirrizultax. Ghaldaqsant, l-imputata ser tigi liberata mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi, aktar il-fuq, il-Qorti diga esprimiet ruhha rigward dak li ser taghmel fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata. Fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet, dawn ma gewx pruvati u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, ma ssibx lill-imputata Grace

Muscat hatja tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------